EA/GL/2021/15

16 ta' Diċembru 2021

# Linji gwida

## dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u l-unitajiet tal-intelligence finanzjarja skont id-Direttiva 2013/36/UE

# 1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

## Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 [1]. F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

## Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 11.04.2022. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2021/15". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità għandu jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.

4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

[1] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

# 2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

## Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-mod tal-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi transkonfinali u fil-kuntest tal-identifikazzjoni ta' ksur serju ta' regoli kontra l-ħasil tal-flus, skont l-Artikolu 117(6) tad-Direttiva 2013/36/UE.

## Kamp ta' applikazzjoni

6. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti f'punt (36) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE u f'punt (5) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 għandhom japplikaw dawn il-linji gwida fuq il-livell individwali u kkonsolidat imsemmi fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2013/36/UE.

7. L-awtoritajiet li jkunu fdati bid-dmir pubbliku li jissorveljaw l-entitajiet marbuta b'obbligu elenkati fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 għall-konformità ma' dik id-Direttiva għandhom japplikaw dawn il-linji gwida, kemm fuq livell individwali, kif ukoll fuq il-livell tal-grupp kollu stabbilit fl-Artikolu 48 (5) tad-Direttiva (UE) 2015/849[2].

## Destinatarji

8. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punti (2)(i) u (2)(viii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010[3], u lill-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (2)(iii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 sal-punt li dawn l-awtoritajiet qed jissorveljaw il-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-istituzzjonijiet kif definiti fil-punt (3) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE, jew tal-operaturi tas-settur finanzjarju kif definiti fil-punt (1a) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fejn dawn l-operaturi huma inklużi fil-konsolidament prudenzjali tal-istituzzjoni, inklużi tal-fergħat stabbiliti fl-Unjoni kemm jekk l-uffiċċju prinċipali tagħhom jinstab fi Stat Membru kif ukoll f'pajjiż terz ("istituzzjonijiet").

[2] Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

[3] Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

## Definizzjonijiet

9. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fid-Direttiva 2013/36/UE, fir-Regolament (UE) Nru 575/2013,[4], u fid-Direttiva (UE) 2015/849 għandhom l-istess tifsira fil-linji gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Superviżur fil-qasam tal-AML/CFT | tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (2) (iii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. |
| Superviżur prudenzjali | tfisser awtorità kompetenti kif definita fil-punt (2) (i) jew (2)(viii) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. |
| Kulleġġ tal-AML/CFT | tfisser kulleġġ tal-AML/CFT kif definit fil-Linji Gwida Konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw istituzzjonijiet ta' kreditu u dawk finanzjarji (JC 2019 81). |
| Kulleġġ prudenzjali | tfisser kulleġġ tas-superviżuri kif imsemmi fl-Artikolu 51 jew 116 tad-Direttiva 2013/36/UE. |
| Riskju ta' ML/TF | tfisser ir-riskju kif definit fil-Linji Gwida EBA/GL/2021/02. |

# 3. Implimentazzjoni

## Data ta' applikazzjoni

10. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-1 ta' Ġunju 2022.

[4] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1-337).

# 4. Dispożizzjonijiet ġenerali

11. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni skont l-Artikolu 117(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom ikunu organizzati b'mod effiċjenti u effettiv f'konformità tad-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida, kemm fuq livell domestiku u kif ukoll fil-kuntest transkonfinali, irrispettivament mill-arranġamenti istituzzjonali speċifiċi f'kull Stat Membru għall-funzjonijiet rispettivi tas-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT, tas-superviżuri prudenzjali u tal-unitajiet tal-intelligence finanzjarja (UIF). Sabiex tkun żgurata l-effiċjenza, tali kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni għandhom jevitaw id-duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-isforzi.

12. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jiskambjaw bejniethom kif ukoll mal-unitajiet tal-intelligence finanzjarja, informazzjoni li jkunu ġabru jew ħolqu fl-eżerċizzju tal-kompiti tagħhom u li tkun rilevanti għall-eżerċiżżju tal-kompiti tal-awtorità l-oħra. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jseħħ fuq talba u fuq inizjattiva proprja.

13. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkooperaw ma' xulxin fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom safejn ikun possibbli u jiskambjaw informazzjoni mingħajr dewmien żejjed, sakemm tali kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni ma jkunux jaffettwaw inkjesta, investigazzjoni jew proċedimenti li jkunu għaddejjin kif imsemmi fl-Artikolu 117(5) tad-Direttiva 2013/36/UE.

# 5. Mekkaniżmi għall-kooperazzjoni, l-iskambju ta’ informazzjoni u l-indirizzar ta’ kunfidenzjalità

## 5.1 Modalitajiet prattiċi għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni

14. Għandu jkun hemm mezzi effettivi u effiċjenti għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni biex jappoġġjaw il-kooperazzjoni u l-iskambju ta’ informazzjoni skont dawn il-linji gwida kemm fil-kuntest domestiku kif ukoll transkonfinali. Tali mezzi għandhom jiżguraw li informazzjoni kunfidenzjali tkun skambjata permezz ta’ mezzi sikuri.

15. L-informazzjoni għandha tingħata bil-miktub, irrispettivament mill-format tagħha, sew jekk tkun stampata, komunikazzjoni elettronika jew kwalunkwe format ieħor. L-iskambji ta’ informazzjoni jew talbiet għall-kooperazzjoni għandhom jinkludu identifikazzjoni ċara tal-istituzzjoni jew fergħa kkonċernata li tinkludi l-kodiċi tal-Identifikatur ta’ Entità Ġuridika (LEI)[5] fejn disponibbli (għal fergħa: l-LEI tal-impriża prinċipali).

16. Fejn ikun meħtieġ, bħal f’każ ta’ urġenza jew emerġenza, l-informazzjoni għandha tintalab, jew tingħata fuq inizjattiva proprja, b’mod verbali, bit-telefon jew matul laqgħa bejn is-superviżuri rilevanti. Tali skambju verbali għandu jkun appoġġjat bil-miktub malli jkun fattibbli minn hemm ‘il quddiem.

17. Fejn is-superviżur prudenzjali u s-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT ikunu l-istess awtorità jew fejn is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT u l-unità tal-intelligence finanzjarja jkunu l-istess awtorità, jistgħu jiġu stabbiliti proċessi oħrajn minbarra dawk identifikati f’din it-taqsima, kif xieraq, li jiżguraw mill-inqas l-istess grad ta’ kooperazzjoni u skambju ta’ informazzjoni skont din it-taqsima.

### Kriterji ta’ rilevanza għal informazzjoni li se tiġi skambjata

18. Is-superviżuri prudenzjali għandhom iqisu l-informazzjoni bħala rilevanti għall-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji fil-qasam tal-AML/CFT mill-inqas f’sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni:

    a) tagħti lis-superviżur prudenzjali bażi raġonevoli biex jissusspetta li f’konnessjoni ma’ istituzzjoni, ikun sar jew qed isir ML jew TF jew ikun sar attentat jew hemm riskju akbar tiegħu;

[5] LEI ifisser kodiċi alfanumeriku uniku ta’ referenza bbażat fuq l-istandard ISO 17442 assenjat lil entità ġuridika.

b) tindika li l-attività kummerċjali jew il-mudell tan-negozju ta' istituzzjoni, jew bidliet fih jissuġġerixxu li l-istituzzjoni tista' tkun esposta għal riskju akbar ta' ML/TF;

c) tkun relatata ma' nuqqasijiet fil-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti prudenzjali li jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-arranġamenti ta' governanza tal-AML/CFT u l-qafas tas-sistemi interni u l-kontrolli; jew

d) tkun relatata mal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849.

19. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom iqisu l-informazzjoni bħala rilevanti għall-eżerċizzju tal-kompiti superviżorji prudenzjali mill-inqas, fejn l-informazzjoni jista' jkollha impatt fuq il-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, l-arranġamenti ta' governanza interna, il-qafas ta' ġestjoni tar-riskji, ir-riskju operazzjonali, l-adegwatezza tal-likwidità, is-sistemi u l-kontrolli tal-istituzzjoni kollha, fejn tikkonċerna l-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew fejn tista' taffettwa s-solidità jew il-vijabbiltà finanzjarja tal-istituzzjoni.

20. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom iqisu l-informazzjoni bħala rilevanti għall-eżerċizzju tal-kompiti ta' unità tal-intelligence finanzjarja meta dik l-informazzjoni tista' tindika l-possibbiltà ta' ML jew TF u meta tista' tgħin biex jiġu identifikati riskji, tendenzi, mudelli jew tipoloġiji ta' ML/TF.

21. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti:

a) lis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT responsabbli mis-superviżjoni tal-istituzzjoni fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni hija stabbilita jew hija intiża li tkun stabbilita, u

b) lis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT fl-Istat Membru fejn l-impriża prinċipali tal-UE tkun stabbilita jekk l-istituzzjoni tappartjeni għal grupp transkonfinali jew, fil-każ ta' istituzzjoni unika b'fergħat fi Stati Membri oħrajn, fejn ikun jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-istituzzjoni, jew fejn ikun ġie stabbilit kulleġġ tal-AML/CFT, lis-superviżur prinċipali.

22. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jinfurmaw lil kull superviżur fil-qasam tal-AML/CFT li jkun qed jirċievi dwar is-superviżuri l-oħrajn fil-qasam tal-AML/CFT li lilhom qed jagħtu jew ikunu taw informazzjoni, fejn rilevanti.

23. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/ CFT għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti:

a) lis-superviżuri prudenzjali responsabbli mis-superviżjoni tal-istituzzjoni fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni hija stabbilita jew hija intiża li tkun stabbilita, u

b) lis-superviżur konsolidanti jekk l-istituzzjoni tkun tappartjeni għal grupp transkonfinali, jew fil-każ ta' istituzzjoni unika b'fergħat fi Stati Membri oħrajn, lis-superviżur prudenzjali tal-uffiċċju prinċipali.

24. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jinfurmaw lil kull superviżur prudenzjali li jkun qed jirċievi dwar is-superviżuri prudenzjali l-oħrajn li lilhom qed jagħtu jew ikunu taw informazzjoni, fejn rilevanti.

### Talbiet għal kooperazzjoni u informazzjoni

25. Is-superviżuri prudenzjali u tal-qasam tal-AML/CFT għandhom jagħmlu talba għall-informazzjoni u għall-kooperazzjoni bil-miktub, li fiha jispeċifikaw mill-inqas dan li ġej:

    a. it-tip ta' informazzjoni jew kooperazzjoni mitluba;

    b. l-għan li għalih l-informazzjoni jew il-kooperazzjoni qed jintalbu, inkluża l-ispeċifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali li jiddefinixxu l-kompiti superviżorji li għalihom l-informazzjoni mitluba hija meqjusa rilevanti; u

    c. għal talbiet sensittivi għall-ħin, id-data sa meta hija mistennija tweġiba, inkluż il-kuntest u l-urġenza tat-talba, jekk ikun il-każ.

26. Fejn l-awtorità rikjesta ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni jew il-kooperazzjoni mitluba sad-data stabbilita mill-awtorità rikjedenti, għandu jkun hemm qbil dwar data alternattiva. F'każ li l-awtorità rikjesta tkun tista' tipprovdi tweġiba parzjali sad-data indikata mill-awtorità rikjedenti, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdi kwalunkwe informazzjoni li tista' b'hekk tipprovdi u taqbel dwar data oħra għall-għoti ta' kwalunkwe informazzjoni pendenti.

27. Fejn talba għal kooperazzjoni jew informazzjoni ma tkunx tista' tiġi ssodisfata b'mod parzjali jew bis-sħiħ, l-awtorità rikjesta għandha tipprovdi spjegazzjoni dettaljata bil-miktub bir-raġunijiet għalfejn mhuwiex possibbli jew fattibbli li tikkonforma mat-talba.

28. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom, fejn possibbli, jitolbu l-informazzjoni meħtieġa mill-awtorità li oriġinarjament tkun ġabret jew ħolqot l-informazzjoni, jekk tkun magħrufa.

### Għoti ta' informazzjoni fuq inizjattiva proprja

29. Informazzjoni meqjusa rilevanti għal awtorità oħra għandha tiġi trażmessa fuq inizjattiva proprja u mingħajr dewmien żejjed, sakemm ma jkunx ovvju għal sid l-informazzjoni li l-awtorità rikjedenti potenzjali diġà għandha din l-informazzjoni.

### Kooperazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

30. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jaqblu li jistabbilixxu skambju regolari ta' informazzjoni fejn ikun meqjus xieraq għas-superviżjoni ta' istituzzjoni jew ta' gruppi transkonfinali jew istituzzjonijiet b'fergħat stabbiliti f'ġurisdizzjonijiet oħrajn. Fejn ikun hemm qbil dwar l-istabbilment ta' skambju regolari ta' informazzjoni, is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkondividu f'intervalli regolari informazzjoni meqjusa rilevanti għall-prestazzjoni tal-kompiti tas-superviżur l-ieħor.

31. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar punti deżinjati ta' kuntatt biex jifffaċilitaw it-trażmissjoni ta' informazzjoni rilevanti u għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu kaxxa postali funzjonali.

32. Fejn ikun hemm fis-seħħ arranġamenti eżistenti għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni, is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT rilevanti għandhom jiddeċiedu dwar jekk l-arranġamenti eżistenti għall-iskambju ta' informazzjoni humiex biżżejjed biex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dawn il-linji gwida jew jekk l-awtoritajiet ikunux jeħtieġu jaġġornaw dawn l-arranġamenti jew inkella jissupplimentawhom b'arranġamenti alternattivi fid-dawl tal-modalitajiet għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni kif stabbilit f'dawn il-linji gwida.

33. Fejn il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni diġà jkunu qegħdin fis-seħħ f'kulleġġi prudenzjali u/jew f'kulleġġi tal-AML/CFT, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u s-superviżuri prudenzjali għandhom jużaw il-qafas tal-kulleġġi għall-finijiet tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni kif stabbilit f'dawn il-linji gwida, fejn ikun meqjus xieraq fid-dawl tan-natura tal-kooperazzjoni u t-tip ta' informazzjoni li se tiġi skambjata.

## Kooperazzjoni bejn is-superviżuri prudenzjali u l-unità tal-intelligence finanzjarja

34. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jikkondividu mal-unità tal-intelligence finanzjarja informazzjoni miġbura jew maħluqa fil-prestazzjoni tal-attivitajiet superviżorji tagħhom li tkun rilevanti għall-kompiti tal-unità tal-intelligence finanzjarja f'konformità mal-paragrafu 20.

35. Fejn xieraq, is-superviżuri prudenzjali għandhom ifittxu mill-unità tal-intelligence finanzjarja informazzjoni kif stabbilit f'dawn il-linji gwida li tkun rilevanti għall-prestazzjoni tal-kompiti superviżorji tagħhom.

## Kooperazzjoni bejn is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u l-unità tal-intelligence finanzjarja

36. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkondividu mal-unità tal-intelligence finanzjarja informazzjoni miġbura jew maħluqa fil-prestazzjoni tal-kompiti superviżorji tagħhom li tkun rilevanti għall-kompiti tal-unità tal-intelligence finanzjarja f'konformità mal-paragrafu 20.

37. Fejn xieraq, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom ifittxu mill-unità tal-intelligence finanzjarja informazzjoni kif stabbilit f'dawn il-linji gwida li tkun rilevanti għall-prestazzjoni tal-kompiti superviżorji tagħhom.

## 5.2 Restrizzjonijiet ta' kunfidenzjalità u l-użi permissibbli ta' informazzjoni

38. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jiżguraw li informazzjoni kunfidenzjali tiġi skambjata bejniethom kif ukoll mal-unità tal-intelligence finanzjarja permezz ta' mezzi sikuri.

39. Kwalunkwe informazzjoni riċevuta wara l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 117(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għandha tinżamm kunfidenzjali kif meħtieġ bil-liġijiet applikabbli, u tiġi użata jew żvelata biss kif permess bil-liġijiet applikabbli. Il-kunsens minn qabel għandu jiġi osservat fejn meħtieġ f'konformità mal-liġijiet applikabbli.

40. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni stabbiliti f'dawn il-linji gwida għandhom jitwettqu f'konformità mal-liġijiet applikabbli li jirregolaw il-protezzjoni tad-*data*.[6]

[6] Għall-awtoritajiet nazzjonali, ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' din id-*data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE u l-liġijiet nazzjonali ta' implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, u għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

# 6. Il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tal-proċessi għall-awtorizzazzjoni, l-akkwisti proposti ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti, il-valutazzjonijiet tal-idoneità, u l-irtirar ta' awtorizzazzjoni

## 6.1 Applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet

### Superviżuri prudenzjali

41. Fil-valutazzjoni ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 10 sa 14 tad-Direttiva 2013/36/UE [7], is-superviżuri prudenzjali għandhom jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT għall-fini tal-valutazzjoni tagħhom f'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar metodoloġija ta' valutazzjoni komuni għall-għoti ta' awtorizzazzjonijiet[8], b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tar-riskji ta' ML/TF relatati mal-applikazzjoni proposta għall-awtorizzazzjoni.

42. Is-superviżur prudenzjali għandu jikkondividu mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT l-informazzjoni kollha pprovduta jew relatata mal-applikazzjoni li tkun rilevanti għas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT biex jipprovdi l-fehmiet tiegħu dwar l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jseħħ ukoll fejn kwalunkwe *data* jew informazzjoni oħra rilevanti għas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT tiġi żvelata matul ir-rieżami tal-applikazzjoni.

43. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju ta' ML/TF assoċjat mal-azzjonisti, mal-membri tal-korp maniġerjali jew mad-detenturi ta' funzjoni ewlenija jkun akbar, is-superviżur prudenzjali għandu wkoll, fejn xieraq, ifittex informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja sabiex jinforma l-valutazzjoni tagħhom kif spjegat fit-taqsimiet 6.2 u 6.3.

44. Barra minn hekk, fejn ir-riskju ta' ML/TF assoċjat mal-fondi użati biex jissodisfaw ir-rekwiżit kapitali fl-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ġdida jkun akbar, is-superviżuri prudenzjali għandhom ukoll, fejn xieraq, ifittxu informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja, sabiex jinfurmaw

[7] F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar metodoloġija ta' valutazzjoni komuni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikolu (8)5 tad-Direttiva 2013/36/UE (EBA/GL/2021/12).

Jekk jogħġbok irreferi wkoll għall-(abbozz finali) RTS u ITS dwar l-Awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (EBA-RTS-2017-08 u EBA-ITS-2017-15) dwar l-informazzjoni li trid tingħata għall-awtorizzazzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

[8] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar metodoloġija ta' valutazzjoni komuni għall-għoti ta' awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu skont l-Artikolu (8)5 tad-Direttiva 2013/36/UE (EBA/GL/2021/12).

il-valutazzjoni tagħhom. Dan huwa partikolarment rilevanti f'każijiet fejn l-informazzjoni disponibbli tqajjem suspett dwar il-leġittimità tal-oriġini tal-fondi użati biex jissodisfaw ir-rekwiżit kapitali fl-awtorizzazzjoni u l-punt safejn il-fondi huma potenzjalment konnessi ma' jew derivati minn attività kriminali.

45. Fejn superviżur prudenzjali jiddeċiedi li ma jagħtix l-awtorizzazzjoni lil istituzzjoni abbażi ta' riskji ta' ML/TF, is-superviżur prudenzjali għandu jikkondividi d-deċiżjoni rilevanti jew partijiet mid-deċiżjoni mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni kienet proposta li tkun stabbilita kif ukoll mal-unità tal-intelligence finanzjarja f'dak l-Istat Membru.

### Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

46. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom, fuq talba tas-superviżuri prudenzjali, jikkondividu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għalihom u jipprovdu l-valutazzjoni tagħhom tal-applikazzjoni minn perspettiva tal-AML/CFT. Fejn xieraq, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom ukoll ifittxu informazzjoni minn superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT oħrajn u mill-unità tal-intelligence finanzjarja bħala parti mill-valutazzjoni tagħhom tal-applikazzjoni, sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli għas-superviżur prudenzjali jew ma tkunx intalbe lill-unità tal-intelligence finanzjarja mis-superviżur prudenzjali.

47. L-informazzjoni mitluba fil-kuntest ta' applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed fid-dawl tal-perjodu ta' żmien legali qasir għall-valutazzjoni ta' tali applikazzjoni mis-superviżur prudenzjali.

## 6.2 Valutazzjoni tal-akkwisti proposti jew żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti

### Superviżuri prudenzjali

48. Fil-valutazzjoni tal-akkwist propost jew żieda fil-parteċipazzjonijiet kwalifikanti skont l-Artikoli 22 u 23 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżuri prudenzjali għandhom, fejn jitqies neċessarju, jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mas-superviżuri rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT għall-fini tal-valutazzjoni tagħhom b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-motivazzjonijiet raġonevoli ta' suspett ta' ML/TF b'rabta mal-akkwirent propost jew riskji ta' ML/TF barra mill-akkwist propost jew żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti[9]. Is-superviżuri prudenzjali għandhom, fejn jitqies neċessarju, jitolbu informazzjoni mis-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT għall-fini tal-valutazzjoni tal-kriterju tal-AML/CFT stabbilit fl-Artikolu 23(1)(e) tad-Direttiva 2013/36/UE f'konformità mal-paragrafu 14 tal-Linji Gwida

[9] F'konformità mal-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi tal-funzjoni ewlenija skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE (EBA/GL/2021/06) u mal-Linji Gwida Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur bankarju, tat-titoli u tal-assigurazzjonijiet (JC/GL/2016/01).

Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti.[10]

49. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn ir-riskju tal-ML/TF assoċjat mal-istituzzjoni jew mal-applikant ikun akbar, is-superviżur prudenzjali għandu wkoll, fejn xieraq, ifittex informazzjoni mill-unitajiet tal-intelligence finanzjarja sabiex jinfurmaw il-valutazzjoni tagħhom ta' applikazzjoni ta' akkwist propost jew żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti. Dan huwa partikolarment rilevanti f'każijiet fejn ikun hemm motivazzjonijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li jkun sar jew qed isir jew hemm attentat ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu jew ikun hemm riskju akbar ta' dan b'rabta mal-istituzzjoni jew mal-applikant u b'mod partikolari f'sitwazzjonijiet fejn l-informazzjoni disponibbli tqajjem suspett dwar il-leġittimità tal-oriġini tal-fondi.

50. Meta jitlob l-informazzjoni, is-superviżur prudenzjali li jagħmel it-talba għandu jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha pprovduta jew relatata man-notifika skont l-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2013/36/UE. Fit-talba, persuni ġuridiċi jew fiżiċi għandhom ikunu identifikati b'mod ċar biex ikun żgurat li tingħata d-*data* għall-persuna korretta.

51. Fejn superviżur prudenzjali jiddeċiedi li jopponi l-akkwist propost abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni tal-kriterju tal-AML/CFT stabbilit fl-Artikolu 23(1)(e) tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur prudenzjali għandu jikkondivid d-deċiżjoni rilevanti jew partijiet mid-deċiżjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-ML/TF u mal-unità tal-intelligence finanzjarja.

## Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

52. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom, fuq talba mis-superviżuri prudenzjali, jikkooperaw u jipprovdu l-valutazzjoni tagħhom tal-applikant minn perspettiva tal-AML/CFT sabiex jivvalutaw l-akkwist propost jew iż-żieda ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti. Fejn xieraq, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jfittex ukoll informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja bħala parti mill-valutazzjoni tiegħu, sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli għas-superviżur prudenzjali jew tkun ġiet mitluba mill-unità tal-intelligence finanzjarja mis-superviżur prudenzjali.

53. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom fuq inizjattiva proprja jikkondividu mas-superviżuri prudenzjali informazzjoni li titqies rilevanti għall-valutazzjoni ta' akkwisti proposti jew żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fejn ikunu konxji dwar fatti ġodda relatati mal-ML/TF tal-istituzzjonijiet, tal-azzjonisti tagħhom jew tal-membri tal-korp maniġerjali tagħhom u d-detenturi ta' funzjoni ewlenija.

54. L-informazzjoni mitluba fil-kuntest ta' akkwisti proposti jew żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed fid-dawl tal-perjodu ta' żmien legali qasir għall-valutazzjoni ta' tali applikazzjoni mis-superviżur prudenzjali.

[10] Linji Gwida Konġunti dwar il-valutazzjoni prudenzjali ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet kwalifikanti fis-settur bankarju, tat-titoli u tal-assigurazzjonijiet (JC/GL/2016/01).

## 6.3 Valutazzjoni tal-idoneità ta’ membri tal-korp maniġerali u tad-detenturi ta’ funzjoni ewlenija

### Superviżuri prudenzjali

55. Fil-valutazzjoni jew fir-rivalutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta’ funzjoni ewlenija, is-superviżuri prudenzjali għandhom, fejn jitqies neċessarju, jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni mas-superviżuri rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT għall-fini tal-valutazzjoni tagħhom, b’mod partikolari, fir-rigward tal-valutazzjoni dwar jekk hemmx motivazzjonijiet raġonevoli sabiex wieħed jissuspetta li jkun qed isir jew ikun sar jew kien hemm attentat ta’ ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu jew ikun hemm riskju akbar ta’ dan b’rabta ma’ dik l-istituzzjoni. Is-superviżuri prudenzjali għandhom, fejn jitqies neċessarju, jitolbu informazzjoni mis-superviżuri rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT għall-fini tal-valutazzjoni tagħhom skont il-Linji Gwida Konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi ta’ funzjoni ewlenija skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE[11].

56. Fejn superviżur prudenzjali jiddeċiedi li membru tal-korp maniġerjali jew detentur ta’ funzjoni ewlenija ma jkunx xieraq abbażi tal-fatti rilevanti fil-kuntest tar-riskji jew avvenimenti tal-ML/TF, is-superviżur prudenzjali għandu jikkondividi s-sejbiet u d-deċiżjonijiet tiegħu mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT u mal-unità tal-intelligence finanzjarja.

### Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

57. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom, fuq talba tas-superviżur prudenzjali, jikkondividu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għalihom biex jinfurmaw il-valutazzjoni u r-rivalutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali, u tad-detenturi ta’ funzjoni ewlenija. Fejn xieraq, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jfittex ukoll informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja bħala parti minn dan, sakemm tali informazzjoni ma tkunx diġà disponibbli għas-superviżur prudenzjali jew ma tkunx intalbet mill-unità tal-intelligence finanzjarja mis-superviżur prudenzjali.

58. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom fuq inizjattiva proprja jikkondividu mas-superviżuri prudenzjali informazzjoni li titqies rilevanti għall-valutazzjoni jew ir-rivalutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u d-detenturi ta’ funzjoni ewlenija fejn jinqalgħu fatti ġodda jew preċedentement mhux magħrufa relatati mal-ML/TF.

59. L-informazzjoni mitluba fil-kuntest tal-valutazzjonijiet tal-idoneità għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed fid-dawl tal-perjodu ta’ żmien legali qasir għal tali valutazzjonijiet mis-superviżur prudenzjali.

[11] Il-Linji Gwida konġunti tal-ESMA u tal-EBA dwar il-valutazzjoni tal-idoneità tal-membri tal-korp maniġerjali u tad-detenturi tal-funzjoni ewlenija skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva 2014/65/UE (EBA/GL/2021/06).

## 6.4 Irtirar ta’ awtorizzazzjoni tal-istituzzjonijiet

60. F’każ li s-superviżur prudenzjali jiddeċiedi li jagħti bidu għal proċediment biex jirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil istituzzjoni, esklussivament jew fost motivazzjonijiet oħra abbażi tar-responsabbiltà tagħha għal ksur serju tal-liġijiet applikabbli tal-AML/CFT f’konformità mas-setgħa tiegħu skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur prudenzjali għandu jinforma lis-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AFM/CFT.

61. Fejn is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT jidentifikaw ksur serju tal-liġijiet applikabbli tal-AML/CFT fir-rigward tal-istituzzjoni, huma għandhom jinfurmaw lis-superviżur prudenzjali mingħajr dewmien żejjed b’dan il-ksur serju u bid-deċiżjoni tagħhom u kwalunkwe kunsiderazzjoni addizzjonali rilevanti, inkluż jekk iqisux li l-istituzzjoni ma tixtieqx jew ma tistax tirrimedja għal dan il-ksur u sa liema punt in-nuqqasijiet jew ksur jistgħu jiġu indirizzati mill-miżuri disponibbli għas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT.

62. Meta jinforma lis-superviżur prudenzjali dwar ksur serju, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jipprovdi lis-superviżur prudenzjali l-informazzjoni u d-dettalji rilevanti kollha dwar il-ksur serju identifikat sabiex is-superviżur prudenzjali jkun jista’ jevalwa b’mod xieraq l-informazzjoni li rċieva u jwettaq il-valutazzjoni proprja tiegħu dwar jekk huwiex xieraq l-irtirar tal-awtorizzazzjoni.

63. Is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu, mill-inqas, jinkludi informazzjoni dettaljata li tispjega għaliex il-ksur huwa serju, inkluż it-tip ta’ ksur, it-tul ta’ żmien li fih sar il-ksur, jekk il-ksur jippreżentax falliment sistemiku fi ħdan l-istituzzjoni, l-impatt tal-ksur fuq l-istituzzjoni u l-integrità tas-suq li fih topera, jekk ġietx ippjanata jew meħuda azzjoni ta’ rimedju, jekk ikun il-każ, mill-istituzzjoni biex tirrimedja għall-ksur u l-miżuri u s-sanzjonijiet superviżorji, jekk ikun il-każ, ippjanati jew imposti mis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT.

64. Wara n-notifika ta’ ksur serju kif stabbilit fil-paragrafu 61 hawn fuq, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jikkoopera safejn ikun neċessarju mas-superviżur prudenzjali u jipprovdi spjegazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali fejn meħtieġ.

65. F’każ li s-superviżur prudenzjali jiddeċiedi li jirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil istituzzjoni abbażi ta’ ksur serju tal-liġijiet applikabbli tal-AML/CFT f’konformità mas-setgħa tiegħu skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur prudenzjali għandu jinforma lis-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AFM/CFT u l-unità tal-intelligence finanzjarja.

# 7. Kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni f'superviżjoni kontinwa

## 7.1 Valutazzjoni ta' notifiki għall-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-eżerċizzju tal-libertà għall-forniment ta' servizzi

### Superviżuri prudenzjali

66. Is-superviżur prudenzjali ospitanti li jirċievi n-notifika dwar l-eżerċizzju tad-dritt ta' stabbiliment fi ħdan it-territorju tiegħu mis-superviżur prudenzjali domiċiljarju tal-istituzzjoni għandu jinnotifika lis-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT fl-Istat Membru tiegħu bil-wasla ta' tali notifika.

67. Is-superviżur prudenzjali għandu, meta mitlub mis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT, jikkondividi informazzjoni dwar l-eżerċizzju reali tal-libertà għall-forniment ta' servizzi mill-istituzzjoni mas-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT.

### Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

68. Mal-wasla tal-informazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-istabbiliment jew tal-libertà għall-forniment ta' servizzi fi ħdan il-ġurisdizzjoni tiegħu mis-superviżur prudenzjali, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jikkoopera u jiskambja informazzjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-uffiċċju prinċipali tal-istituzzjoni, b'mod partikolari meta jkun qed iwettaq il-valutazzjoni tar-riskju tal-ML/TF.

69. F'ċirkostanzi fejn l-istituzzjoni tkun esposta għal riskju tal-ML/TF sinifikanti jew akbar, is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkunsidraw li jfittxu informazzjoni rilevanti mill-unità tal-intelligence finanzjarja.

## 7.2 Valutazzjoni ta' fużjonijiet

### Superviżuri prudenzjali

70. Meta superviżur prudenzjali jkun qed jivvaluta applikazzjonijiet ta' fużjoni għall-istituzzjonijiet, għandu jiskambja informazzjoni rilevanti relatata mal-applikazzjoni għall-fużjoni mas-superviżuri rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT tal-istituzzjonijiet ta' fużjoni u tal-istituzzjoni ġdida maħluqa mill-fużjoni. Il-livell ta' din l-interazzjoni huwa determinat mill-istruttura finanzjarja u legali tal-formola ta' konsolidazzjoni riżultanti kif spjegat hawn taħt.

71. Fil-każ ta' fużjoni permezz ta' akkwist, is-superviżur prudenzjali li jkun responsabbli mill-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-fużjoni għandu jipproċedi kif ġej:

a. F'każ li l-fużjoni twassal għal akkwist propost jew żieda fil-parteċipazzjonijiet kwalifikanti, is-superviżur prudenzjali għandu jiskambja informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT, u fejn xieraq mal-unità tal-intelligence finanzjarja, kif previst fit-taqsima 6.2; u

b. F'każ li l-integrazzjoni tal-istituzzjoni akkwistata taffettwa l-kamp ta' applikazzjoni tal-liċenzja tal-akkwirent, is-superviżur prudenzjali għandu jiskambja informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni sabiex jestendi l-awtorizzazzjoni tal-akkwirent mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT kif previst fit-taqsima 6.1.

72. Fil-każ ta' fużjoni permezz ta' formazzjoni ta' istituzzjoni ġdida, is-superviżur prudenzjali responsabbli mill-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-liċenzjar tal-istituzzjoni l-ġdida għandu jiskambja informazzjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT kif previst fit-taqsima 6.1.

### Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

73. Meta s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT jirċievu notifika dwar fużjoni mis-superviżuri prudenzjali, għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti kollha lis-superviżur prudenzjali rilevanti fir-rigward tal-istituzzjonijiet involuti fil-fużjoni, b'mod partikolari meta s-superviżur prudenzjali jinbidel bħala riżultat tal-fużjoni. B'mod partikolari, meta jirċievi tali notifika, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jinnotifika lis-superviżur prudenzjali dwar ksur serju tal-liġijiet tal-AML/CFT applikabbli jew nuqqasijiet materjali fil-qafas tal-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu fużi tal-AML/CFT jew dwar jekk ikunux ħadu xi miżuri superviżorji jew imponew xi sanzjonijiet fuq l-istituzzjonijiet li jkunu qed jiġu fużi.

## 7.3 Valutazzjoni tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni

### Superviżuri prudenzjali

74. Is-superviżur prudenzjali responsabbli mill-monitoraġġ tal-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni tal-istituzzjonijiet kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni[12] għandu jiskambja informazzjoni relatata mal-arranġamenti rilevanti ta' esternalizzazzjoni mas-superviżur rilevanti fil-qasam tal-AML/CFT. Tali skambju għandu jseħħ b'mod partikolari f'każijiet fejn is-superviżur prudenzjali jkollu motivazzjonijiet raġonevoli biex jissuspetta li l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni jista' jkollhom impatt fuq l-iskopertura għar-riskju tal-ML/TF tal-istituzzjoni jew il-konformità kontinwa tagħha mal-obbligi skont id-Direttiva 2013/36/UE u d-Direttiva (UE) 2015/849, inkluż meta:

a. jkun hemm tħassib potenzjali dwar is-superviżjoni xierqa jew l-arranġamenti ta' governanza fir-rigward tal-funzjoni esternalizzata u l-impatt fuq ir-riskji tal-ML/TF li l-istituzzjoni taffaċċja, l-aċċess għad-*data* tal-klijent, l-affidabbiltà tar-rekords, jew l-

[12] Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni (EBA/GL/2019/02).

allokazzjoni tal-kompiti bejn l-istituzzjoni u l-fornitur tas-servizz, b'mod partikolari meta l-fornitur ma jkunx entità obbligata skont id-Direttiva (UE) 2015/849;

b. l-istituzzjoni tkun qed testernalizza funzjonijiet kritiċi jew importanti kif imsemmija fit-taqsima 4 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar l-arranġamenti ta' esternalizzazzjoni li jistgħu jaffettwaw is-sistema interna u l-qafas ta' kontroll tal-istituzzjoni fir-rigward tar-riskji tal-ML/TF, jew jekk fil-każ ta' inadempjenza fid-distribuzzjoni tas-servizz mill-fornitur tas-servizz (jew il-fornitur tagħha fil-każ ta' subesternalizzazzjoni), dan jista' jwassal għall-falliment tal-istituzzjoni li tikkonforma mal-obbligi tal-AML/CFT tagħha.

### Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

75. Fejn is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT jirċievu informazzjoni dwar arranġament ta' esternalizzazzjoni mis-superviżur prudenzjali, dawn għandhom jikkondividu kwalunkwe tħassib identifikat mill-perspettiva tal-AML/CFT mas-superviżuri prudenzjali.

## 7.4 Superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post u valutazzjonijiet tar-riskju

### Superviżuri prudenzjali u superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

76. Fil-kuntest ta' superviżjoni fuq il-post u mhux fuq il-post, l-informazzjoni li s-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkondividu ma' xulxin tista' tinkludi iżda ma tkunx limitata għal:

a. informazzjoni rilevanti dwar l-eżiti relatati mal-ispezzjonijiet fuq il-post u r-rieżamiijiet mhux fuq il-post u dokumentazzjoni rilevanti miġbura matul is-superviżjoni;

b. taqsimiet rilevanti minn rapporti li jkunu rċivew mill-istituzzjonijiet jew partijiet terzi inklużi konsulenti u awdituri esterni;

c. informazzjoni rilevanti kondiviża fi ħdan il-kulleġġ tal-AML/CFT jew il-kulleġġ prudenzjali, fejn rilevanti;

d. partijiet rilevanti mill-minuti tal-laqgħat mal-istituzzjonijiet u mil-laqgħat tal-kulleġġi, fejn disponibbli.

### Superviżuri prudenzjali

77. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jitolbu lis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT informazzjoni li tkun rilevanti għall-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) kif stabbilit fil-Linji

Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri komuni u l-metodoloġiji għas-SREP[13], inklużi iżda mhux limitati għal:

a. l-eżiti rilevanti tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-ML/TF, inklużi l-valutazzjonijiet tar-riskju settorjali u individwali u klassifikazzjonijiet tar-riskju, b'mod partikolari f'każijiet ta' skopertura akbar għal riskji sinifikanti tal-ML/TF;

b. informazzjoni relatata mar-riskji emerġenti tal-ML/TF li l-istituzzjoni tista' tkun esposta għalihom;

c. informazzjoni relatata man-nuqqasijiet materjali[14] fil-governanza, u l-qafas ta' sistemi u kontrolli tal-AML/CFT tal-istituzzjoni sorveljata;

d. informazzjoni relatata mal-ksur potenzjali jew reali, partikolarment ksur serju tal-liġijiet tal-AML/CFT applikabbli mill-istituzzjoni sorveljata;

e. informazzjoni relatata mal-miżuri stabbiliti mill-istituzzjoni li jimmitigaw ksur u nuqqasijiet materjali;

f. informazzjoni relatata ma' miżuri superviżorji jew sanzjonijiet pendenti jew imposti fuq l-istituzzjoni kif stabbilit fit-taqsima 8.

78. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jipprovdu informazzjoni li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-ML/TF imwettqa mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT inkluża, iżda mhux limitata, għall-informazzjoni elenkata fil-paragrafu 81.

79. Is-superviżuri prudenzjali għandhom jikkondividu mal-unità tal-intelligence finanzjarja informazzjoni li tkun rilevanti għall-kompiti tal-unità tal-intelligence finanzjarja skont il-paragrafu 20, inklużi l-eżiti rilevanti tal-valutazzjonijiet superviżorji tal-istituzzjonijiet b'implikazzjonijiet potenzjali għall-qafas tar-rapportar tat-tranżazzjoni suspettuża.

80. Barra minn hekk, f'sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjoni tkun esposta għal riskji ogħla tal-ML/TF, is-superviżuri prudenzjali għandhom, fejn xieraq, ifittxu informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja li tkun rilevanti għall-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP) li tista' tinkludi iżda ma tkunx limitata għal informazzjoni minn tipoloġiji u analiżi tar-riskju dwar tranżazzjonijiet u relazzjonijiet kummerċjali li jistgħu jkunu rilevanti għall-analiżi tal-mudell tan-negozju.

[13] Il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni riveduti għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju (EBA/GL/2014/13).

[14] Nuqqasijiet materjali kif definiti fl-RTS skont l-Artikolu 9a tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

## Superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

81. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jitolbu mis-superviżuri prudenzjali informazzjoni li tkun rilevanti fit-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ML/TF tal-istituzzjonijiet sorveljati, inkluża iżda mhux limitata għal:

    a. informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju inerenti tal-ML/TF jew ir-riskju settorjali tal-ML/TF tal-istituzzjonijiet, b'mod partikolari informazzjoni dwar il-prodotti u s-servizzi, il-klijentela, il-preżenza ġeografika jew il-mezzi ta' distribuzzjoni tal-istituzzjoni;[15]

    b. eżiti rilevanti li jirriżultaw mill-Proċess ta' Reviżjoni u Evalwazzjoni Superviżorji (SREP)[16], fejn disponibbli, partikolarment fl-oqsma tal-mudell tan-negozju, il-valutazzjoni tal-governanza interna u l-kontrolli mifruxa mal-istituzzjoni kollha, ir-riskji għall-kapital u r-riskji għal-likwidità u l-finanzjament;

    c. ksur rilevanti jew nuqqasijiet materjali identifikati fl-istituzzjoni sorveljata li jista' jkollhom impatt fuq il-qafas tal-AML/CFT tal-istituzzjoni;

    d. informazzjoni relatata ma' miżuri superviżorji jew sanzjonijiet pendenti jew imposti fuq l-istituzzjoni kif stabbilit fit-taqsima 8;

    e. informazzjoni dwar fergħat u sussidjarji meħtieġa biex ikun issodisfat l-immappjar tad-ditti f'konformità mal-Linji Gwida Konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-fini tad-Direttiva (UE) 2015/849[17].

82. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jipprovdu informazzjoni li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju prudenzjali, inkluża iżda mhux limitata, għall-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 77.

83. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom, fejn xieraq, ifittxu informazzjoni mill-unità tal-intelligence finanzjarja li tkun rilevanti għat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riskju u s-superviżjoni tal-ML/TF li tista' tinkludi iżda ma tkunx limitata għal:

    a. tipoloġiji dwar ir-riskji tal-ML/TF, inklużi riskji ġeografiċi u riskji transkonfinali;

    b. eżiti rilevanti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ML/TF imwettqa mill-unità tal-intelligence finanzjarja;

    c. informazzjoni dwar ir-riskji emerġenti identifikati mill-unità tal-intelligence finanzjarja;

[15] F'konformità mal-Linji Gwida Konġunti riveduti dwar is-superviżjoni bbażata fuq ir-riskju (EBA/GL/2021/16).

[16] F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni riveduti għall-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju (EBA/GL/2014/13).

[17] Il-linji gwida konġunti dwar il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 bejn l-awtoritajiet kompetenti li jissorveljaw l-istituzzjonijiet ta' kreditu u finanzjarji (JC 2019 81).

d. informazzjoni dwar il-kwantità u l-kwalità ta' rapporti dwar tranżazzjoni suspettuża riċevuti mill-istituzzjonijiet, b'mod aggregat, pereżempju għal kull settur, u fir-rigward ta' istituzzjonijiet individwali;

e. informazzjoni relatata ma' kwalunkwe nuqqas fis-sistemi u l-kontrolli tal-AML/CFT li l-unità tal-intelligence finanzjarja tista' tkun identifikat jew issuspettat u b'mod speċjali informazzjoni dwar il-puntwalità fir-rispons għal talbiet għal informazzjoni magħmula mill-unità tal-intelligence finanzjarja u l-kwalità tal-informazzjoni, tad-*data* u tad-dokumentazzjoni pprovduti bħala tweġiba għal kwalunkwe tali talbiet;

f. konferma dwar jekk l-istituzzjoni kinitx is-suġġett ta' rapport dwar tranżazzjonijiet suspettużi sottomess minn istituzzjoni oħra jew jekk il-fondi li huma soġġetti għal rapporti dwar tranżazzjonijiet suspettużi jkunux jiġu b'mod regolari minn dik l-istituzzjoni u kwalunkwe informazzjoni relatata mal-każ li l-unità tal-intelligence finanzjarja tkun tista' tikkondividi f'konformità mal-liġi nazzjonali.

84. Is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkondividu informazzjoni mal-unità tal-intelligence finanzjarja li tkun rilevanti għall-kompiti tagħha skont il-paragrafu 20, li tista' tinkludi iżda ma tkunx limitata għal:

a. informazzjoni fir-rigward tan-nuqqasijiet u n-nuqqasijiet rilevanti identifikati fl-istituzzjoni sorveljata, inklużi dawk li jistgħu jaffetwaw il-qafas tar-rapportar dwar tranżazzjonijiet suspettużi;

b. informazzjoni dwar ksur suspettat jew imwettaq, b'mod partikolari ksur serju tal-liġijiet tal-AML/CFT applikabbli mill-istituzzjoni sorveljata, partikolarment fejn dak il-ksur ikollu impatt fuq l-abbiltà tal-istituzzjoni li tirrapporta tranżazzjonijiet suspettużi, eżiti rilevanti tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ML/TF tas-setturi jew, fejn xieraq, istituzzjonijiet individwali;

c. kwalunkwe informazzjoni relatata mar-riskji emerġenti tal-ML/TF fi ħdan is-settur;

d. informazzjoni rilevanti miġbura minn rapporti riċevuti skont l-Artikolu 61(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849 dwar ksur potenzjali jew reali tad-dispożizzjoniijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2015/849.

## Valutazzjoni komuni bejn is-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT u s-superviżuri prudenzjali skont l-Artikolu 97(6) tad-Direttiva 2013/36/UE

85. Fejn il-valutazzjoni tar-riskju prudenzjali tagħti lis-superviżur prudenzjali motivazzjonijiet raġonevoli biex jissuspetta li qed isir jew sar jew kien hemm attentat ta' ħasil tal-flus jew finanzjament tat-terroriżmu b'rabta ma' istituzzjoni jew li istituzzjoni tkun esposta għal riskju akbar ta' ML/TF, is-superviżur prudenzjali għandu jinnotifika immedjatament lis-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT ta' dik l-istituzzjoni u lill-EBA bl-iskoperti u t-tħassib tiegħu f'konformità mal- Artikolu 97(6) tad-Direttiva 2013/36/UE.

86. Fejn is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT jivvaluta li istituzzjoni tkun potenzjalment esposta għal riskju akbar ta' ML/TF wara n-notifika mis-superviżur prudenzjali kif stabbilit hawn fuq, is-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandu jikkomunika mas-superviżur prudenzjali sabiex tintlaħaq valutazzjoni komuni, li għandha tkun notifikata immedjatament lill-EBA f'konformità mal-Artikolu 97(6) tad-Direttiva 2013/36/UE permezz ta' sottomissjoni unika mis-superviżur prudenzjali.

87. Għat-twettiq tal-valutazzjoni komuni kif meħtieġa skont l-Artikolu 97(6) tad-Direttiva 2013/36/UE, is-superviżur prudenzjali u s-superviżur fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkooperaw mill-qrib u jistabbilixxu l-fatti u r-raġunijiet kollha li jistgħu jirriżultaw f'riskju potenzjali akbar ta' ML/TF. Iż-żewġ superviżuri għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti għat-twettiq tal-valutazzjoni komuni.

88. Il-valutazzjoni komuni għandha tkun stabbilita bil-miktub u tinkludi l-fatti u r-raġunijiet stabbiliti. Id-dokument għandu jinkludi mill-inqas il-valutazzjoni superviżorja fil-qasam tal-AML/CFT tar-riskju potenzjali akbar ta' ML/TF, inklużi l-miżuri possibbli għall-mitigazzjoni tar-riskju mill-perspettiva tal-AML/CFT, u l-analiżi tal-implikazzjonijiet prudenzjali potenzjali ta' tali valutazzjonijiet u l-miżuri prudenzjali possibbli għall-mitigazzjoni tar-riskju.

## 7.5 Attivitajiet superviżorji koordinati

### Superviżuri prudenzjali u superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

89. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jikkunsidraw li jidentifikaw l-oqsma ta' interess reċiproku fejn xieraq meta jippjanaw l-attivitajiet superviżorji rispettivi tagħhom fuq il-post u mhux fuq il-post.

90. Fejn ikunu identifikati oqsma ta' interess reċiproku, is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom iqisu l-aktar mod xieraq ta' kooperazjoni għall-istabbiliment ta' attivitajiet superviżorji koordinati, f'konformità mal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet superviżorji rispettivi tagħhom, inklużi iżda mhux limitati għal:

a. attendenza reċiproka għal-laqgħat mar-rappreżentanti tal-istituzzjoni;

b. parteċipazzjoni reċiproka f'riezamijiet tematiċi; u

c. parteċipazzjoni reċiproka f'riezamijiet mhux fuq il-post jew spezzjonijiet fuq il-post.

91. Fejn tkun qed tiġi stabbilita attività superviżorja koordinata, is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jaqblu dwar il-modalitajiet għall-kooperazzjoni, inklużi bħala minimu:

a. in-natura u t-tip ta' azzjoni li għandha tittieħed minn kull superviżur rispettiv;

b. l-iskeda taż-żmien tax-xogħol li jrid isir u l-allokazzjoni ppjanata tar-riżorsi superviżorji;

c. il-modalitajiet għall-iskambju ta' informazzjoni, inkluża l-kondiviżjoni tal-informazzjoni miġbura matul l-attività koordinata, u s-sejbiet bħala riżultat tal-attività;

d. il-proċess għall-indirizzar tas-sejbiet mill-attività koordinata u l-ksur potenzjali;

e. l-opzjonijiet għas-segwitu koordinat, jekk ikun il-każ.

# 8. Kooperazzjoni u skambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' miżuri u sanzjonijiet superviżorji

## Superviżuri prudenzjali u superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT

92. Is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jiskambjaw informazzjoni fir-rigward ta' miżuri jew sanzjonijiet superviżorji pendenti jew imposti li tkun rilevanti għall-kompiti superviżorji rispettivi tagħhom mill-aktar fis fil-proċess ta' infurzar.

93. Il-komunikazzjonijiet fir-rigward tal-miżuri jew is-sanzjonijiet superviżorji bejn is-superviżuri prudenzjali u s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT għandhom jagħtu dettall tan-natura u l-livell tan-nuqqasijiet sottostanti, in-nuqqasijiet materjali u l-ksur serju. L-informazzjoni kondiviża għandha tippermetti lis-superviżuri prudenzjali jikkunsidraw l-implikazzjonijiet prudenzjali potenzjali tan-nuqqasijiet materjali u l-ksur serju identifikati mis-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT, u li s-superviżuri fil-qasam tal-AML/CFT jikkunsidraw l-implikazzjonijiet potenzjali fuq il-qafas tas-sistemi u l-kontrolli tal-AML/CFT tal-istituzzjoni tan-nuqqasijiet identifikati mis-superviżuri prudenzjali.